MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 331/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rene Bezzina**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Rene Bezzina talli:

(1) fit-18 ta' Mejju 2011 ghall-habta tas-18.00hrs, waqt li kien fl-inhawi tal-Madliena, waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi mhux skond dawn ir-Regolamenti u mhux skond il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija tahthom, u dan bi

ksur ta' regolament 4(1) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

(2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaccja xi ghasfur li mhux elenkat fit-taqsima A tal-iskeda II tal-A.L. 79 ta' l-2006, u dan bi ksur ta' regolament 5(3)(a) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

(3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz li jkun xi ghasfur u ghaldaqstant naqas milli jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra, u dan bi ksur ta' regolament 12(1) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

(4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur minghajr ma kellu licenjza adattata ghal dik l-attivita' mahruga lilu taht ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi jew taht xi ligi ohra, u dan bi ksur ta' regolament 16(a) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

(5) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur, jew garr munizzjon jew arma tan-nar barra l-ghata taghha, u dan bi ksur ta' regolament 18(1)(a) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

(6) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm jew garr arma tan-nar li kienet ikkargarta jew bl-iskratac fil-kompartiment ta' l-iskratac ta' l-arma jew barra l-ghata taghha meta kien f'post fejn mhux permess l-isparar fuq il-kacca, u dan bi ksur ta' regolament 17 ta' l-A.L. ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

(7) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala pussesssur ta' licenzja taht l-Artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480, naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja;

(8) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi biegh, espona ghall-bejgh, garr, kellu fil-pussess tieghu, spara, uza,

importa jew immanifattura xi skratac ikkargati b'xi comb ta' daqs aktar minn 3.3m f'dijametru, u dan bi ksur tar-regolament 22 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

(9) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt stagun miftuh ghall-kacca tal-ghasafar kien ghall-kacca b'arma tan-nar waqt li kien f'anqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew rahal, jew xi wahda mix-xtajtiet elenkati fl-iskeda VII ta' l-Avviz Legali 79 tal-2006;

(10) sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4(1), 5(3)(a), 12(1), 16(a), 18(1)(a), 17 u 22 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, LS 504.71; l-artikolu 27(1) tal-Kap. 480 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmi Rene Bezzina hati tas-sitt (6) u d-disa' (9) imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, izda sabitu hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-seba' (7), it-tmien (8) u l-ghaxar (10) imputazzjonijiet u kkundannatu terminu ta' sena prigunerija, kif ukoll ikkundannatu multa ta' hamest elef euro (€5,000). Inoltre ordnat il-konfiska ta' l-oggetti esebiti, u cioe` l-arma tan-nar tat-tip Breda numru 801875 u 14-il skartocc. Ordnat ukoll ir-revoka permenenti ta' kull licenzja u permess tal-kacca u tal-garr u zamm ta' armi f'isem l-istess Rene Bezzina;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Rene Bezzina pprezentat fit-18 ta' Lulju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mis-sitt u mid-disa' imputazzjonijiet, u tirrevokaha fil-bqija, b'dana illi tilliberah minn kull htija u piena, jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonferna l-piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet il-provi; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant Rene Bezzina huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ma kellux jinstab hati peress illi ma ngabet l-ebda prova accettabbli fil-konfront tieghu; (2) li, bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma gietx ordnata perizja; (3) li, bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma saritx prova tar-recidiva; (4) li, bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena hi sproporzjonata.

**6.** Kwantu ghall-ewwel aggravju l-appellant jghid li hadd ma rah fuq il-post, hadd ma identifikah, hadd ma rah b’xi senter f’idu, hadd ma rah jispara, hadd ma rah b’xi tajra f’idu, u ma nstabet l-ebda tajra fil-pussess tieghu. Ix-xiehda tal-Pulizija dwar il-karozza tieghu tikkostitwixxi *hearsay*. Huwa dejjem innega li kien spara fuq xi tajra u t-triq fejn allegatament ittiehed in-numru tal-karozza tieghu hi triqtu.

**7.** Dan l-ewwel aggravju ghalhekk jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Mix-xhieda jirrizulta illi fit-18 ta’ Mejju 2011 ghall-habta tas-6.00 p.m. dahlu qatgha *storks* u xi residenti tal-Madliena rrapportaw lill-Pulizija li kien hemm min spara fuq dawn it-tjur. P.S. 305 Alfred Gauci u P.C. (illum P.S.) 1273 Klaus Mifsud telghu l-Madliena u sabu xi residenti, fosthom mara anzjana li qalet illi kien nizel xi hadd minn vettura BAR-924 u kellu senter f’idu. Mill-inhawi gew elevati diversi skratac. Irrizulta li l-vettura BAR-924 kienet ta’ l-appellant. Marru d-dar tieghu, sabu l-vettura pparkjata ftit metri boghod, habbtu izda ma fetah hadd. P.S. 305 cempel lill-appellant fuq il-*mobile*, wiegbu l-appellant li qallu li kien Paceville, u talbu jigi d-dar. L-appellant wasal id-dar, P.S. 305 saqsieh jekk kienx fl-akwati tal-Madliena peress illi kien hemm l-i*storks* u l-appellant qallu li kien izda li ma kienx spara. Mistoqsi liema senter kellu mieghu, l-appellant wiegbu: “Ha ngibulek mill-kamra”. Fil-fatt l-appellant gablu senter tal-marka Breda numru 801875. Mill-vettura P.S. 305 eleva xi skratac. Saret tfittxija d-dar ta’ l-appellant u ma rrizulta xejn illegali. Ezamijiet forensici ma sarux. P.S. 305 qal li

huwa saqsa lill-appellant jekk kienx mar minhabba l-*istorks* u l-appellant wqiegbu: “Iva imam zgur illi ma sparajtx”. Qallu li kien hemm konfuzjoni ta’ kaccaturi u waqaf bhalhom izda hu qatt josserva. P.S. 1273 bazikament ikkonferma x-xiehda ta’ P.S. 305 in kwantu dak li wassal biex marru fir-residenza ta’ l-appellant. Pero` zied jghid li uhud mill-iskratac mahruqin li gabru kienu jaqblu ma’ l-iskratac li elevaw mill-vettura ta’ l-appellant bhala kulur. Skond P.S. 1273 ic-comb fl-iskratac kien ohxon, u dan mhux ghax fetah xi skartocc izda ghax ikun hemm li jidher minn barra u anke jekk thabbtu.

**8.** Gilbert Haber, *environment protection officer* fil-MEPA, qal li l-appellant kellu licenzja specjali biex jikkaccja bejn it-13 u t-30 ta’ April 2011. Ix-xahar ta’ Mejju kollu kien stagun maghluq ghall-kacca.

**9.** L-ewwelnett jigi osservat illi x’setghet qalet il-mara anzjana lill-Pulizija jikkostitwixxi biss *hearsay evidence*. Mix-xiehda ta’ P.S. 305 u P.S. 1273 jirrizulta biss li l-appellant ammetta li  fil-gurnata in kwistjoni huwa kien fl-inhawi tal-Madliena, li kien mar minhabba li kien hemm qatgha ta’ *storks*, li fil-vettura tieghu kellu senter u skratac, izda li hu ma sparax u qaghad josserva. Issa, bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Darmanin** moghtija fid-9 ta’ Lulju 2002:

“Iżda l-liġi mkien ma tgħid li l-Prosekuzzjoni trid tipprova li xi ħadd spara. Il-Leġislatur juża kelma oħra ‘tikkaċċja’ liema kelma mhix limitata għall-isparar iżda tfisser ukoll li wieħed jiġri wara l-annimal li jrid jaqbad. Id-definizzjoni ta’ ‘kaċċa’ li tidher fl-Avviż Legali hija hekk:

“ ‘kaċċa’ u ‘tikkaċċja’ tfisser tikkaċċja jew tuża arma tan-nar jew arma oħra ta’ kull tip sabiex tikkaċċja,’

“Il-konġunzjoni alternattiva ‘jew’ użata mil-Leġisltur turi li l-kelma ‘kaċċa’ mhux bilfors tfisser użu ta’ arma. Id-definizzjoni tagħti tifsira aktar wiesgħa tal-kalma ‘kaċċa’ u mhix limitata għal xi sparatura biss.

“Li trid tagħmel il-Prosekuzzjoni huwa li tippreżenta provi diretti jew provi ċirkostanzjali univoċi – li għandhom jistgħu jkunu biżżejjed biex iwassluk għall-konklużjoni loġika u intelliġenti – li ma jħallu ebda dubju li persuna kienet qed tikkaċċja.”

**10.** Fil-kaz in ezami ma hemm ebda prova li f’xi hin l-appellant nizzel is-senter mill-vettura tieghu u wisq anqas li uzah. Ma hemm l-ebda prova li l-appellant ikkaccja (allura li gera wara xi tajra) jew ipprova jikkaccja u lanqas li spara fuq xi tajr. Ma ngabet l-ebda prova li l-iskratac vojta li nstabu fil-Madliena kienu gew sparati mis-senter tieghu. Minn tfittxija li saret fir-residenza tieghu ma rrizulta xejn illegali. Il-fatt wahdu li mar fuq il-post fejn intlemhu l-i*storks* minghajr ebda evidenza ta’ xejn li huwa ghamel xi att ta’ kacca, ma jwassalx ghar-reita` tieghu taht l-ewwel hames imputazzjonijiet. Seta’ kellu l-intenzjoni, izda l-ligi hawn ma tikkolpixxix l-intenzjoni wahedha. Wiehed jista’ jitkellem dwar suspett u anke dwar suspett qawwi, izda dan ma jekwivalix ghal prova minghajr dubju ragjonevoli. Ghalhekk, fid-dawl tal-provi li semghet din il-Qorti, sejjer jigi lliberat mill-ewwel hames imputazzjonijiet.

**11.** Kwantu ghas-seba’ imputazzjoni, il-licenzja tawtorizzah igorr arma tan-nar ghall-kacca ta’ ghasafar fuq l-art. Naturalment tali kacca trid issir fl-istagun taghha u zgur mhux permissibbli mil-licenzja li ssir kacca fuq tajr protett. Ghalhekk fil-gurnata in kwistjoni ma setax johrog mieghu is-senter u l-munizzjon. Tali agir kien bi ksur ta’ l-artikolu 27(1) tal-Kap. 480.

**12.** Ghal dak li jirrigwarda t-tmien imputazzjoni, l-unika prova li ressqet il-prosekuzzjoni f’dar-rigward kienet ix-xiehda ta’ P.S. 1273 li, pero`, lanqas ma fetah skartocc sabiex jassigura ruhu mid-daqs tac-comb. Din il-Qorti ma tarax illi kellu ghalfejn jigi nominat espert biex jiddetermina d-daqs tac-comb li kien hemm fl-iskratac elevati minghand l-appellant. Izda ma tarax li tista’ toqghod biss fuq ix-xiehda ta’ min jiddetermina d-daqs billi jhabbat l-iskartocc minghajr lanqas biss jifthu.

**13.** Kwantu ghall-addebitu ta' recidiva, din il-Qorti tinnota li ma saret l-ebda prova ta' hekk. Il-fedina penali ma tistax titqies prova nkonfutabbli. Kien ikun bizzejjed li kieku giet esebita kopja legali ta' sentenza li minnha jkunu jirrizultaw l-istess partikolaritajiet ta' l-appellant. Izda ma sar xejn minn dan u ghalhekk l-imputazzjoni ta' recidiva ma tirrizultax.

**14.** Naturalment, in vista ta' dawn il-konkluzjonijiet sejjer ikun hemm temperament fil-piena.

**15.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), it-tmien (8) u l-ghaxar (10) imputazzjonijiet u in kwantu kkundannatu terminu ta' sena prigunerija, kif ukoll ikkundannatu multa ta' hamest elef euro (€5,000) u ordnat ir-revoka permanenti ta' kull licenzja u permess tal-kacca u tal-garr u zamm ta' armi f'isem l-appellant, u minflok tikkundannah ghall-multa massima ta' sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81), u thassar il-licenzja tieghu mahrug taht il-Kap 480 ghall-perijodu massimu ta' hames snin skond l-art. 57 ta' l-istess Kap. 480, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------